**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur.**
**CHAIRPERSON**

**Rikors numru 297/2021**

**1. Geoffrey sive Jeffrey Caruana, detentur tal-liċenzja Awstraljana numru 014172353;**
**2. Mark Caruana, detentur tal-karta ta' identita' bin-numru 555082(M);**
**3. Doris Caruana, detentrici tal-karta tal-identita bin-numru 473746(M);**
**4. Emanuel sive Lorry Caruana, detentur tal-karta ta' identita' bin-numru 29248(M);**
**5. Lucienne Ciantar, detentriči tal-karta ta' identita' bin-numru 298366(M);**
**6. Mario Brincat, detentur tal-karta ta' identita' bin-numru 88564(M);**
**7. Michael Caruana, detentur tal-Passaport Awstraljan bin-numru L3264741;**
**8. Joseph Caruana, detentur tal-Passaport Awstraljan bin-numru M13128778;**

**9. Richard Borg, detentur tal-kartata' identita' bin-numru 78046(M);**

**10. Dorianne Borg, detentrici tal-karta ta' identita' bin-numru 166078(M);**

**11. Sharon Mennie, detentrici tal-karta ta' identita bin-numru 141880(M);**

**12. Sylvana Kinmont, detentrici tal-karta ta' identita' bin-numru 177969(M);**

**13. Helen Borg, detentriċi tal-karta ta' identita'bin-numru 274751(M);**

**14. Alexander Borg, detentur tal-karta ta' identita' bin-numru 607957(M);**

**15. Josephine Bezzina, detentriċi tal-karta ta' identita' bin-numru 225648(M);**

**16. Carmen Preca, detentrici tal-karta ta' identita' bin-numru 478551(M);**

**17.Saviour Caruana, detentrici karta ta' identita' bin-numru 620652(M);**

**18. Helen Caruana, detentrici taċ-ċertifikat tat-twelid bin-numru 2497/1955;**

**19. Doris Attard, detentrici tal-karta ta' identita' bin-numnu 262557(M);**

**20. Emanuel Caruana, detentrici tal-karta ta' identita' bin-numnu 619059(M);**

**21. Jacqueline Saliba, detentrici tal-karta ta' identita' bin-numru 1965(M);**

**22. Jesmond Caruana, detentur tal-karta ta' identita' bin-numru 195266(M);**

**23. Maria Carmela Caruana Scovino, detentrici tal-karta ta' identita' bin-numru 43948(M);**

**24. Josephine Schembri, detentrici tal-karta ta' identita bin-numru 537449(M);**

**25. Helen Caruana, detentrici tal-karta ta' identita' bin-numru 331051(M);**

**26. Mary Rose Rotin, detentrici tal-karta tal-identita bin-numru 242354(M);**

**27. Mario Caruana, detentur tal-karta tal-identita bin-numru 391956(M);**

**28. Mario Muscat, detentur tal-karta ta' identita' bin-numru 457554(M);**

**29. Angelo Muscat, detentur tal-karta ta' identita' bin-numru 297051(M);**

**30. Adelina Spiteri, detentrici tal-karta ta' identita' bin-numru 233135(M);**

**vs**

**1. Carmel Muscat, (detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 458861M);**

**2. L-Awtorita' tad-Djar bhala intervenuta in statu et terminis ex lege.**

**u ghal kull interess li jistghu jkollhom:**

**3. Edwin Borġ,detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 0451872(M);**

**4. Roderick Borg, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 0415478(M);**

**5. Salvina armla Borg, detentriċi tal-karta tal-identita' bin-numru 0195246(M);**

**6. Doris miżżewga Giordmaina, detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 224254(M);**

**7. Ir-Reverendu Dun Moses Borg, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 305846(M);**

**8. Elia Borg, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 29048(M);**

**9. Martin Borg, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 0131873(M);**

**10. Sandra Gatt, detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 0199595(M);**

**11. Antonia armla Borġ, detentriċi tal-karta tal-identita' bin-numru 369047(M);**

**12. Maria Dolores Buhagiar, detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 362553(M);**
**13. Joseph Muscat, detentur tal-karta tal-identita bin-numru 783657(M);**
**14. Rita Borġ, detentrici tal-karta tal-identita' numru 745357(M);**
**15. Lewis Borg, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 0421676(M);**
**16. Roberta miżżewga Pirotta, detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 0293380(M);**
**17. Adrian Borg, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 0003489(M);**

**Illum, 18 t'April 2023**

Il-Bord,

Ra r-rikors[1] ta' Geoffrey sive Jeffrey Caruana (Licenzja Awstraljana numru 014171253) et. pprezentat fir-registru tal-Qorti nhar it-8 ta' Lulju 2021 fejn iddikjaraw u talbi s-segwenti:

"1. Illi dan hu rikors a tenur tal-Artikolu 4(A)(2) tal-Kap 69 tal-Liġijiet ta' Malta,liema artikolu ġie introdott permezz tal-Att XXIV tal-2021.

2. Illi l-esponenti kif ukoll l-intimati huma propjetarji tal-fond bin-numru 65, Triq Sant' Andrija Hal Lija. Illi din il-proprjeta' kienet oriġinarjament tappartjeni lil Nicola

[1] A folio 1 tal-process

u Elena konjuġi Caruana. Illi Elena Caruana mietet fl-erbatax ta' Novembru elf disa' mija sebgħa u ħamsin (14/11/1957) u bit-testment tagħha unica charta fl-atti tan-Nutar Giovanni Chetcuti tas-sebgħa u għoxrin ta' Ottubru tas-sena elf disa' mija u erbghin (27/10/1940) hija nnominat bhala eredi universali tagħha lil uliedha kollha Salvatore, Maria Assunta, Maria Stella, Paolo, Giuseppe, Cesarina u Adelina, aħwa Caruana, filwaqt li Nicola Caruana miet fl-għaxra ta' Frar tas-sena elf disa' mija tlieta u sebgħin (10/2/1973) u in forza tat-testment tiegħu fl-atti tan-Nutar Paul Pellegrini Petit tas-sittax ta' Lulju tas-sena elf disa' mija u sebghin (16/7/1970), fost affarijiet oħra huwa nnomina bhala eredi universali tiegħu lis-seba' uliedu gji msemmija.

3. Illi l-partijiet huma lkoll l-eredi tas-seba' ulied ta' Nicola u Elena konjugi Caruana kif jista' jintwera fil-kors ta' dina l-kawża.

4. Illi dan il-fond hu preżentement mikri lill-intimat Carmel Muscat versu l-kera annwa ta' €210.23. Din il-kirja bdiet qabel l-1995.

5. Illi r-rikorrenti jixtiequ jitolbu l-awtorizazzjoni ta' dan l-Onorabbli Bord sabiex il-kera tiġi awmentata għal ammont li ma jeċċedix it-tnejn fil-mija fis-sena tal-valur liberu u frank tas-suq miftuħ tad-dar ta' abitazzjoni fl-1 ta' Jannar ta' din is-sena u sabiex jiġu stabbiliti kundizzjonijiet ġodda fir-rigward tal-kera u dan a tenur tal-tal-Artikolu 4(A)(2) tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta.

6. Illi di piu, permezz ta' din il-kawża, jixtiequ jitolbu wkoll dawk l-arretrati tal-kera li ma thallsietx skond il-liġi.

7. Ghaldaqstant, ir-rikorrenti jitolbu bil-qima lil dan l-Onorabbli Bord jogħġbu :

    a. wara li jkun sema' lill-partijiet sommarjament u eżamina kwalunkwe evidenza li huwa jqis relevanti, inkluż bl-opera ta' periti nominandi skond il-liġi, jordna l-ħlas ta' żieda fl-ammont tal-kera waqt il-pendenza tas-smigħ ta' dan ir-rikors;

    b. Jeffettwa t-test tal-meżżi tal-intimat biex jiġi stabbilit jekk skond l-eta' tiegħu, huwa għandux dħul u kapital iktar jew inqas mill-parametri stabbiliti mill-ligi;

    c. F' każ illi d-dħul u l-kapital tal-intimat huma ogħla minn dawk stabbiliti mill-liġi, tagħti sentejn (2) żmien għall-iżgumbrament tal-istess intimat u tiffissa l-kera relattiva li għandha topera sad-data ta' l-iżgumbrament effettiv;

    d. F' każ li l-intimat m' għandhux dħul u/jew kapital li jeccedi l-imsemmija parametri, tawmenta l-kera b' effett mill-1 ta' Jannar 2021 sa massimu ta' 2% fis-sena tal-valur liberu fis-suq fl-1 ta' Jannar tas-sena kurrenti u jistabbilixxi kundizzjonijiet ġodda fir-rigward tal-kera nkluż l-awment annwali ta' l-istess kera;

e. Jillikwida l-ammont ta’ arretrati ta’ kera li huwa dovut mill-intimat Muscat mill-bidu tal-kirja de quo sal-ġurnata tal-lum u

f. Jordna lill-intimat Muscat iħallas l-ammont ta’ arretrati hekk likwidat.”

Ra r-risposta[2] tal-intimata Awtorita’ tad-Djar fejn ippremettiet li:

“Illi l-atturi jridu qabel xejn jipprovaw it-titolu taghhom u li huma wahedhom huma s-sidien unici tal-fond.

Illi l-atturi jridu jippruvaw li s-sdien li ghandhom il-maggoranza tall-ishma tall-fond iridu u jaqblu ma’ din il-kawza;

Illi l-atturi ma jistghux f’kazijiet taht l-Art 4A tal-Kap 69 jaghmlu talbiet lill-hinn minn dak li jipprovdi l-istess Artikolu.

Illi qabel xejn dan il-Bord ghandu jikkonstata jekk l-Att XXIV tal-2021 ghandux jigi applikat ghal dan il-kaz.

Illi l-Awtorita` tad-Djar giet notifikata f’din il-kawza bhala intervenuta fil-kawza a bazi tal-Att XXIV tal-2021; allura ukoll l-Awtorita` tad-Djar ghandhi d-dritt li tippartecipa fil-kawza u jekk taghmel dan, taghmel hekk biss bhala intervenuta fil-kawza. U ghalhekk l-Awtorita’ tad-Djar anke f’dan il-kaz ma ghandhiex tbati l-ispejjez. U dan kollu purche jirrizulta li l-Att XXIV tal-2021 hu applikabbli ghal kaz in kwistjoni.

2 a folio 12 tal-process

> Illi jigi rilevat li f'kaz li l-inkwilin tissoddisfa t-test tal-mezzi impost bil-ligi alluri l-kera ghandha tigi fissata f ammont ta' mhux aktar minn 2% tal-valur tal-propjeta u dan skont l-Art 4A tal-Kap 69,jew Art 12B tal-Kap 158.
>
> Intant qed jigi anness Dok HA1 li jindiki l-mod kif l-Awtorita' tad-Djar ser tkun qed tissussidja lil minn ikun jikkwalifika.
>
> Illi jigi rilevat li l-inkwilin tkun tista' tibbenefika minn skema ta' sussidju tal-kera jekk tikkwalifika skont il-kondizzjonijiet tal-istess skema - fost dawn il-kondizzjonijiet hemm dik li l-inkwilin trid tkun qed tabita fil-fond bhala residenza ordinarja taghha.
>
> Tant ghall-eghref gudizzju ta' dana l-Bord."

L-Awtorita esebiet ukoll prospett ta' kif tinghata l-ghajnuna mill-Awtorita' jekk tkun misthoqqa.

Ra r-risposta ta' Carmel Muscat (K.I. 458861M) et.[3] tal-process fejn stqarrew li:

> "1. Illi fl-ewwel lok u in linea preliminari, ir-rikorrenti jridu jipprovaw it-titolu tagħhom skont il-liġi fuq il-fond mertu tal-kawża;
>
> 2. Illi fit-tieni lok u wkoll in linea preliminari u mingħajr preġudizzju għas-suespost, ir-rikorrenti naqsu milli jistabbilixxu l-valur tal-fondli dwaru qed jiġu msejsa l-pretensjonijiet tagħhom. Għaldaqstant, l-esponenti

3 A folio 17 tal-process

jeċepixxu li r-rikorrenti għandhom jippreżentaw rapport dettaljat li jkun jindika l-valur tal-propjeta' in kwistjoni. Dan qiegħed isir b'riżerva għal preżentata ta' eċċezzjonijiet ulterjuri wara li din il-valutazzjoni tigi preżentata;

3. Illi fit-tielet lok u mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, jingħad li l-esponenti jissodisfaw il-kriterji tat-test tal-mezzi stabbiliti fil-leġislazzjoni sussidjarja 16.11 (Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-kirja - Kriterji ta' Test tal-Mezzi) fil-perjodi rilevanti u għalhekk it-tielet talba għandha tiġi miċħuda;

4. Illi fir-raba' lok u mingħajr preġudizzju għas-suespost, riferibbilment għall-ħames talba tar-rikorrerenti relatata mal-arretrati ta' kera dovuta, jiġi eċċepit illi din wkoll għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż u dan hekk kif il-kera dovuta dejjem ġiet depożitata ġewwa l-Qorti, puntwalment u regolarment, sabiex l-istess kera tiġi liberament żbankata mill-istess rikorrenti, wara li r-rikorrenti rrifjutaw li jaċċettaw il-kera;

5. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, kemm il-darba dan l-Onorabbli Bord jgħaddi sabiex jistabbilixxi l-kirja pagabbli ai termini tal-Att Nru. XXIV tal-2021, il-Bord għandu jagħmel dan biss wara li jqis il-benefikati estensivi li saru mill-esponenti fil-fond u dan sabiex ma jinħoloqx piż sproporzjonat għall-esponenti;

6. Illi finalment, kemm il-darba li dan il-Bord jistabbilixxi kirja pagabbli ai termini tal-Att XXIV tal-2021, dan il-

Bord għandu jordna li kwalunkwe żieda fil-kera għandha tkun gradwali u frata anqas mir-rata massima ta' 2% stabbilita fil-liġi, hekk kif inhuwa fid-diskrezzjoni ta' dan l-umli Bord illi jiffissa.

7. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri."

Ra li fit-13 ta' Ottubru 2021 Carmel Muscat (K.I. 458861M) ipprezenta nota guramanetat in ottemperanza mal-ordni tal-Bord in relazzjoni mad-dokumentazzjoni dwar it-test tal-mezzi[4].

Ra li fis-seduta tas-26 ta' Novembru 2021 il-Bord hatar lill-Periti Mario Cassar u Rene' Cutajar sabiex jivvalutaw il-fond mertu tal-kawza i nghata digriet dwar it-test tal-mezzi.[5]

Ra li permezz ta' nota r-rikorrenti ezebew it-testment tas-sittax (16) ta' Lulju elf disa mija u sebghin (1970) maghmul fl-atti tan-Nutar Paul Pellegrini Petit f'liema testament Nicola Caruana, illum mejjet, innomina u istitwixxa bhala eredi universali tieghu lis-seba' wliedu Salvatore, Assunta, Maria Stella, Paolo, Giuseppe, Adelina, Cesarina ahwa Caruana. Ezebew ukoll l-arblu tar-razza Caruana.

Ra li permezz ta' nota ohra r-rikorrenti pprezentaw kuntratt ta' bejgh datat 4 ta' Mejju 1994 fl-atti tan-Nutar Dottor Carmelo Giuseppe Vella permezz ta' liema Nicola Caruana xtrat l-art fejn imbaghad bena l-fond de quo. Gie pprezentat ukoll kuntratt ta' bejgh iehor tal-4 ta' Novembru 1994 fl-atti tan-Nutar Dottor Carmelo Giuseppe Vella permezz ta' liema Nicola Caruana xtrat l-art fejn imbaghad bena l-fond de quo.

[4] A folio 19-22 tal-process
[5] A folio 24 tal-process

Ra r-relazzjoni tal-periti teknici[6] fejn spjegaw illi huma ghamlu access fil-fond numru 65, Triq Sant' Andrija, Hal-Lija fid-19 ta' Jannar 2022. Dan il-fond huwa *terraced house* li ghandu 'l fuq minn tmenin (80) sena u jinsab fi stat tajjeb ta' manutenzjoni u ghandu s-servizzi tad-dawl, l-ilma u drenagg. Il-fond gie stmat erba' mija u hamsa u ghoxrin elf Ewro (€425,000).

Ra l-atti kollha u d-dokumenti kollha.

Ra u qies id-dokumenti u provi kollha prodotti.

Ra li l-kawza thalliet ghal lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

**Fatti fil-Qosor**

Ir-rikorrenti huma sidien tal-fond 65, Triq Sant' Andrija, Hal-Lija u l-art fejn tinsab din il-proprjeta' ilha ghand il-predecessuri taghhom fit-titolu sa mill-1944.[7] L-inkwilin, Joseph Muscat ilu jokkupa l-fond mertu ta' dawn il-proceduri ghal zmien twil.

L-intimat qed ihallas mitejn u ghaxar Ewro u tlieta u ghoxrin centezmu (€210.23) fis-sena li hija rata baxxa wisq tal-kera meta wiehed jiehu in konsiderazzjoni l-prezzijiet tas-suq. Bl-azzjoni prezenti r-rikorrenti qed jitolbu zieda sa massimu ta' 2% tal-valur tal-propjeta'.

Skont stimi tal-periti teknici l-fond jiswa erba' mija u hamsa u ghoxrin elf Ewro (€425,000).

6 A folio 49 sa 55 tal-process
7 A folio 36 tal-process

**Provi**

Il-provi jikkonsistu fir-rikors u varji dokumenti notarili li jippruvaw il-provenjenza tal-fond u kif il-fond ghadda ghand ir-rikorrenti. Dawn il-fatti ma jidhrux li humi kkontestati mill-intimati, specjalment l-inkwilin prezenti Joseph Muscat li lilu primarjament hija diretta l-azzjoni odjerna.

Minn naha taghha l-Awtorita' tad-Djar ma gabet l-ebda provi hlief kif diga' inghad aktar 'l fuq u wiegbet ghar-rikors promutur.

L-istess jista' jinghad ghall-intimat Joseph Muscat fejn ammetta li prezentament jirrisjedi f'dan il-fond u li pprezenta t-test tal-mezzi kif ordnalu l-Bord.

**Ikkunsidra:**

Illi l-ewwel kriterji li jridu jissodisfaw lill-Bord biex jghaddi ghat-tieni analizi tal-kunsiderazzjonijiet tieghu huma tnejn:

1. Li r-rikorrenti jridu jipprovaw li l-fond in kwistjoni huwa taghhom; u
2. Li l-intimat jirrisjedi fil-fond in kwistjoni.

Mill-fatti u l-provi li ghandu quddiemu l-Bord jemmen li dawn gew ippruvati mir-rikorrenti u li gew ikkontestati bl-ebda mod mill-intimat.

L-istess jinghad ghall-inkwilin.  Huwa jaccetta li qed jirrisjedi fil-fond mertu ta' dawn il-proceduri u li qed ihallas l-kera kif qed jallegaw ir-rikorrenti.

Fir-rigward tal-introjtu tal-intimat Joseph Muscat jidher li huwa ferm limitat u fil-fatt l-unika introjtu huwa mill-pensjoni tal-invalidita' u beneficcji ohra ancillari li fis-sena 2020 kienu jlahhqu ghal xxx Ewro (€xxx).[8] Jidher ukoll mill-kont bankarju li gie esebit mal-HSBC Bank Malta plc, l-intimat m'ghandux likwidita'.[9] Barra minn dan ma ghandux xi proprjetajiet jew ishma fi proprjetajiet.

**Ikkunsidra:**

Illi mid-dokumenti fir-rigward tat-test tal-mezzi jirrizulta li d-dhul tal-intimat Joseph Muscat ikkalkolat ai termini tar-Regolamenti 3(a) tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi), ma jaqbizx dak stipulat mir-Regolament 5(7) tal-istess Regolamenti. Ghar-rigward tal-kapital tal-intimat Muscat, ikkalkolat ai termini tar-Regolamenti 3(b) tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi), jirrizulta li lanqas dan ma jaqbez dak stipolat mir-Regolament 6(6) tar-Regolamenti msemmija.

Illi mill-atti ma jirrizultax li tressqu l-ebda provi rigward applikazzjoni tar-Regolamenti 5(8) u 6(7) tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi) u b'hekk, dan il-Bord ma jara ebda raguni ghalfejn ghandu jiddipartixxi mill-kriterji stabbiliti fir-regolamenti 5 u 6 appena citati.

Ghaldaqstant, Il-Bord jinsab sodisfatt li l-intimat Muscat li jabita fil-fond ma jeccedix il-kriterji stabbiliti bir-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi) u konsegwentement jissodisfa l-kriterji tad-dhul u tal-kapital tat-test tal-mezzi ai termini tal-Artikolu 4A(5) tal-

[8] Matul dawn l-ahhar snin dan kien dejjem oxxilla fuq dan il-livell.

[9] Ara Dok B a folio 22 tal-process. Il-kont bin-numru 016-xxxxxx-050 ghandu biss ftit xxx Ewro.

Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta.  B'hekk mhux il-kaz li ghandu japplika l-Artikolu 4A(4) tal-istess Kap hawn citat.

**Ikkunsidra:**

Illi l-valur fis-suq liberu u frank tal-propjeta', ossija, 65, Triq Sant' Andrija, Hal-Lija gie stabbilit mill-membri teknici tal-Bord fis-somma ta' erba' mija u hamsa u ghoxrin elf Ewro (€425,000).  Il-fond jinsab fi stat tajjeb u ghandu s-servizzi funzjonanti.

Illi meta wiehed jigi biex jiffissa l-awment tal-kera l-Bord irid ihares kemm l-interess tas-sid kif ukoll dak tal-kerrej u jrid jara li jinholoq bilanc gust u ekwu ghall-partijiet.  F'dan is-sens jkun tajjeb li wiehed izomm quddiem ghajnejh il-principji delineati mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-kaz **Carmelo sive Charles Caruana et vs Lorenza Vincenza sive Lora Zarb** deciza fit-3 ta' Far 20021 mill-Onorevoli Imhallef Mintoff (App. Nru. 126/2018/LM).

> '*il-Qorti tikkonkludi li d-dhul fis-sehh ta' dawn l-emendi fil-ligi kienu mahsuba biex jindirizzaw u joholqu bilanc bejn il-jeddijiet tas-sidien li altrimenti kienu ser jibqghu jircievu hlas ta' kera irrizorja ghall-propjeta' taghhom wara li ilhom imcahhdin minnha snin, u l-jeddijiet tal-inkwilini li jibqghu jghixu fid-dar li ilhom snin jaghrfu bhali r-residenza ordinarja taghhom.'*[10]

Il-Bord iqis wkoll illi mill-atti processwali ma jirrizultax li s-sidien waqt il-proceduri wrew u ppruvaw li l-kirja minnhom misthoqqha qed taghmlilhom differenza sostanzjali ghall-ghixien taghhom ta' kuljum.

[10] Is-sentenza kienet qed tanalizza l-emendi introdotti bl-Att XXVII tal-2018 u allura l-emendi introdotti wara, ossija tramite l-Att XXIV tal-2021, jimxu id f'id u fuq l-istess principji.

Jidher ukoll li l-intimat Muscat qed jghix biss b'dak li jdahhal mill-ghajnuna socjali u l-mezzi tieghu finanzjarji huma ferm limitati. Dan huwa ukoll fattur li l-Bord ma jistax jinjora.

Ghaldaqstant, il-Bord in vista tal-kunsiderazzjonijiet maghmula aktar 'l fuq iqis li ghandu jgholli l-kera b'effett immedjat ghall-perjodu mid-29 ta' Novembru 2022 sad-29 ta' Novembru 2023 ghal 1.5% fis-sena, ossija ghal sitt elef u tlett mija u hamsa u sebghin Ewro (€6,375) u ghal 1.8% annwu ghas-snin sussegwenti ossija ghal sebat elef u sitt mija u hamsin Ewro (€7,650) fis-sena.

**Decide:**

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, il-Bord qieghed jiddisponi mit-talbiet tar-rikorrenti billi:

1. Jichad l-ewwel talba ghax mhux misthoqqa; u

2. Jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni talba ghax saret fil-mori tal-kawza;

3. Jichad it-tielet talba kif dedotta ghax l-intimat jaqa' fil-parametri tat-test tal-mezzi;

4. Jilqa' r-raba' talba u jgholli l-kera b'effett mid-29 ta' Novembru 2022 sad-29 ta' Novembru 2023 ghal 1.5% fis-sena, ossija ghal sitt elef u tlett mija u hamsa u sebghin Ewro (€6,375) u jgholli l-kera ghal 1.8% fis-sena ghal sebat elef u sitt mija u hamsin Ewro (€7,650) ghas-snin sussegwenti; u

5. Jastjeni milli jiehu konjizzjoni tal-hames u tas-sitt talbiet immarkati (e) u (f) stante illi dawn gew irtirati waqt is-seduta tal-15 ta’ Marzu 2022.

Kull parti tbati l-ispejjez taghha ta’ dawn il-proceduri.

***Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.***

Angelo Buttigieg
Deputat Reġistratur